MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 789/2003

Kawza fil-lista: 63

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk :

Peress illi l-kontendenti zzewgu fit-13 ta' Mejju 1994 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok. A).

Peress illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja matrimonjali jew fuq id-drittijiet jew d-dmirijiet essenzjali taghha kif kontemplat fl-Artikolu 1991)(d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Peress illi l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar ta' l-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga kif kontemplat fl-Artikolu 19(1)(f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Peress illi l-konvenut, ghalkemm ma kienx interdett jew marid b' mohhu, ma kellux fiz-zmien li sar iz-zwieg, ukoll minhabba raguni temporanja, setghat intelletwali jew ta' rieda bizzejjed biex jinholoq kunsens ghaz-zwieg kif kontemplat fl-Artikolu 19(1)(h) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Peress illi ghalhekk iz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Jghid il-konvenut ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

Tiddikjara null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fit-13 ta' Mejju 1994.

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa illi l-eccipjent jaqbel illi z-zwieg huwa null ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati ;

Rat l-atti kollha tal-kawza ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat:

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-13 ta' Mejju 1994 huwa null fil-

ligi, stante li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f], u dak tal-konvenut, wkoll fit-termini tal-paragrafu [h] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligjiet ta' Malta.

Minn naha tieghu l-konvenut jaqbel li z-zwieg ghandu jigi dikjarat null, izda ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-attrici.

**Il-Fatti**

Illi l-Qorti semghet il-partijiet jiddeponu. Mill-provi akkwiziti jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-13 ta' Mejju 1994, meta allura l-attrici kellha 22 sena u l-konvenut kellu 21 sena u wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin sentejn. Minn dan iz-zwieg twieldet tifla fis-7 ta' Lulju 1995. Wara konvivenza matrimonjali ta' circa seba' snin il-partijiet isseparaw de facto.

*Verzjoni Attrici*

Illi l-attrici tghid li mill-bidunett tal-konvivenza matrimonjali l-partijiet kienu jillitigaw ta' spiss, anzi kontinwament, principalment minhabba l-komportament abbuziv tal-konvenut fil-konfront taghha, li kien maghawwi minn ommu li minn naha taghha ma kienitx ferhana bl-attrici ; u meta twieldet it-tifla, sena wara, l-inkwiet ma' omm il-konvenut zdied b' tal-mod li okkazjonalment il-konvenut kien ikun aggressiv maghha, billi kien "jghajjat, iwerzaq, minn kollox, isabbat". Gieghli kien jerfa' idejh fuqha, u darba minnhom kien anke kkagunalha griehi f' rasha u f' halqha. Tispjega li hi ma kienitx baqghet tmur ghand ommu, ghax apparti milli din kienet taghawwi lill-konvenut, kienet ukoll titfa' botti negattivi dwar it-tqala taghha, u anke eventwalment kienet tghawwi lil binthom.

L-attrici tispjega li mill-bidu tar-relazzjoni hija ma kienitx kuntenta, u di fatti kien il-konvenut li wara xaharejn mir-relazzjoni beda jsemmi z-zwieg. Minn naha taghha hi ma rieditx tizzewweg, izda dwar dan cediet ghall-influwenza tal-genituri taghha. Tghid li waqt l-gherusija hija ma kienitx thobb lill-konvenut, izda kienet tithassru minhabba l-inkwiet li kellu mal-familja tieghu. Tghid in propozitu li "ma

kontx matura bizzejjed biex nifhem dan kolli xi jfisser, u tant kont belgha li kont nithassru."1

Fid-depozizzjoni mqanqla taghha, hija ddeskriviet il-forma mentis taghha, hekk kif kienet sejra l-knisja biex tizzewweg, b' dan il-mod : "..jiena bdejt nibza, jiena ma kellix dik il-fiducja li rrid nizzewweg, kienet sfurzata l-bicca tax-xoghol li nizzewwgu…fil-karrozza jiena nehhejt sal-mant, waqqaft il-karrozza u wasal tard il-knisja, u missieri qalli 'issa binti' ghidtlu 'da, mhux qed ihossni tajba u nzajtlu l-mant, u waqqaft il-karrozza, u jien wasal tard…. [missieri] qalli 'issa it's too late' [biex nerga' lura] "[2]. Tghid li "lanqas ridt nizzewweg bil-knisja, ommi giet tisfurzani…. Ghax jien minn mindu kont zghira ma nemminx"

L-attrici kompliet tispjega kif fis-sena li twieldet it-tifla fin-1995 hija kienet giet soggettata kontinwament ghall-"swat mentali" u "swat psikologiku" mill-konvenut. Tispjega : "wara li wellidt it-tifla, dan il-bniedem ma baqax ihares lejja, beda jghidli li ma baqa jhossx xejn lejja, u minflok jersaq lejja fis-sodda [kien] imur jaghmel l-affarijiet tieghu wahdu quddiem it-television, u beda jghidli li huma affarijit normali[3] …wara li kelli t-tifla beda jghajjarni kerha, m' ghadni nhossx xejn ghalik, m' ghadux iqumli lejk u jmur jaghmel wahdu. Dawn ezatt wara li twieldet it-tifla. "[4]

Illi rigward it-twelid tat-tifla, l-attrici tispjega li dina ma kienitx pjanata. Tghid li kienet ghamlet zmien tiehu l-pillola kontracettiva, izda wara xi zmien kellha twaqqafha minhabba ragunijiet medici ; u konsegwentement fl-att taz-zwieg bdew juzaw il-metodu ta' l-irtirar da parti tar-ragel, izda dan ma kellux kontroll bizzejjed, u gieghli kien jibqa' ghaddej.

*Verzjoni Konvenut*
Minn naha tieghu l-konvenut jghid li l-attrici kellha karattru pussessiv hafna, u kienet f' konflitt kontinwu ma' ommu, liema glied kellu bhala rizultat tieghu dak li johloq sentimenti negattivi fir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet.

[1] Fol.14
[2] Fol.87
[3] Fol.82
[4] Fol.95

Rizutlat ta' dan, kienu naqqsu r-relazzjonijiet intimi bejniethom.

Il-konvenut jghid li l-attrici ingannatu meta waqqfet tiehu l-pillola kontracettiva, ad insaputa tieghu, bir-rizultat li kienet harget tqila. Jghid kategorikament li tul iz-zwieg ma kienx hemm imhabba bejniethom.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti semghet liz-zewg partijet jiddeponu ; u mill-provi akkwiziti hija tal-fehema li f' dan il-kaz jikkonfigura l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [d] fil-konfront taz-zewg partijiet. Jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, kemm l-attrici, u, wisq aktar il-konvenut, kienu affetti minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq l-import tal-hajja konjugali.

In propozitu, il-Qorti tikkunsidera ta' certu relevanza, is-segwenti bran mill-affidavit taghha : "Wara biss xaharjen li konna nohorgu flimkien C ried li nizzewwgu … jiena komplejt mieghu b' sens ta' cajt, tant li mort mieghu fuq insistenza tieghu Castello dei Baroni, u d-data li ghazilna kienet it-13 ta' Mejju 1994. F' mohhi kelli li sa sentejn ohra mhux nilhaq nitilqu. C jinsisti li nibbukjaw, u jiena nkompli mieghu b' sens ta' avventura. "[5] Dan juri kemm l-attrici sentejn qabel ma zzewwget kienet ghadha mmatura, u ma kienitx konxja tas-serjieta tas-sitwazzjoni li kienet qeda tidhol fiha, anke b' sens ta' avventura ! Hija kompliet bir-relazzjoni, nonostante li ma kienitx qed toghgobha s-sitwazzjoni, nonostane li kienet taf bl-inkwiet li kien ghaddej il-konvenut mal-familja tieghu, u nonostante d-dubji li kellha, hija xorta wahda, kontra kull buon sens, ghaddset rasha u baqghet ghaddejja biz-zwieg pjanat. Ghalhekk mhu xejn sorprendenti l-fatt li, kwazi mill-bidu nett tal-konvivenza matrimonjali, il-partijiet, u b' mod partikolari l-attrici sabiex ruhha f' sitwazzjoni ta' dwejjaq u ta' litigju kontiwu.

Minn naha tieghu l-konvenut, bil-komportament tieghu, matul il-konvivenza matrimonjali u mill-bidu taghha, wera li

[5] Fol.13 – sottolinear tal-Qorti

kien affett minn immaturita’ affettiva li matul iz-zwieg ssarfet f’ komportament da parti tieghu li kien insensittiv ghall-ahhar lejn martu, kien juri nuqqas ta’ affezzjoni fil-konfront taghha, li wassal sabiex f’ okkazzjonijiet minnhom kien ikun fizikament aggressiv, u li kien ta’ ostakolu serju biex il-partijiet jistabbilixxu flimkien “a community of love and life”. Naqas li jifhem li z-zwieg huwa unjoni bazata, inter alia, fuq konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, u mhux lejn dak li jirid hu u li kien komdu ghalih biss, irrispettivament mill-konjugi l-iehor.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini ta’ l-artikolu 19[1][d] tal-Kap.255.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici, u tordna li z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-13 ta’ Mejju 1994 huwa null u bla effett fil-ligi.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati bejn il-partijiet fi kwoti ta’ zewg terzi [2/3] mill-konvenut, u r-rimanenti terz jibqa’ a kariku ta’ l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------